# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 392/2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierguido Saliba)**

**vs**

**Matthew Pisani**

Seduta tal-24 ta' Settembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Matthew Pisani, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 397886M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-30 ta' Mejju, 2016 ghall-habta ta' 23.30hrs gewwa Triq l-Mdina, Attard waqt li kien qed isuq vettura numru BCD 053: 1) b'manjiera traskurata; 2) b'manjiera perikoluza; 3) b'manjiera bla kont; 4) b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku,

involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Awtorita' tat-Trasport ta' Malta (central strip); 5) u aktar talli fl-istess data, lok u hin naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega meta kien hiereg ghal fuq triq principali. Il-Qorti kienet mitluba biex f'kaz ta' htija tal-imputat tordna li jkun skwalifikat mill-licenzji tieghu tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Lulju, 2016 li biha sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u ddikjarat l-procediment ezawrit fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni stante li din kienet irtirata u kkundannatu ghal multa komplessiva ta' mitejn tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u a tenur ta' l-Artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tlett (3) mid-data tas-sentenza;

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-27 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tikkonferma** s-sentenza appellata in kwantu ghas-sejbien ta' htija u **tirriformaha** billi tinfliggi piena anqas harxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell fuq il-piena erogata mill-ewwel Qorti, ossia dwar il-konsegwenzjali tal-piena ghaliex ghalkemm l-appellant qed jitlob li tkun kominata piena anqas harxa, fl-udjenza tal-10 ta' Settembru ddikjara illi l-appell tieghu huwa intiz biex jikkontesta l-piena, izda il-konsegwenzjali tal-piena, igifieri l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan ordnata mill-ewwel Qorti;

2. L-appellant kien, fuq ammissjoni tieghu stess, instab hati ta' erbgha minn hames imputazzjonijiet u, kif spjegat mid-difensur tieghu quddiem din il-Qorti u kif jemergi mill-atti processwali, fil-hin tal-incident kien ghadu kemm jaghti l-fuel lill-vettura tieghu, kien ghad kellu argument mat-tfajla tieghu u hareg b'velocita mis-*service station* dritt ghall-fuq ic-*central strip* u kwazi laqat vettura tal-Pulizija;

3. Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem x'kien l-iskop ta' dan l-appell jekk mhux biex ikun sospiz l-effett tas-sentenza. L-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:

> **(2) Meta r-reat ikun jikkonsisti f'sewqan ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz, il-Qorti, b'zieda tal-piena taht is-subartikolu (1), ghandha tiskwalifika lill-hati milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan, f'kaz tal-ewwel kundanna, ghal zmien ta' mhux anqas minn tliet xhur, u f'kaz tat-tieni kundanna jew kundanna ohra wara ghal zmien ta' mhux anqas minn sena.**

4. L-iskwalifika tal-licenzja mhix wahda diskrezzjonali fil-kaz fejn si tratta ta' sewqan bi traskuragni kbira jew b'mod perikoluz u l-Qorti ghandha taghmel dik l-ordni jekk issib htija ta' sewqan hekk kwalifikat. Fil-kaz odjern, l-ordni ta' skwalifika saret fil-minimu taghha u certament l-appellant m'ghandux fuq x'hiex jilmenta in rigward;

5. Konsegwentement, l-appell qed ikun michud u t-terminu ta' sospensjoni jibda jiddekorri minn nofs il-lejl tal-lum.